

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/2239****tat-12 ta' Diċembru 2016****li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Frar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/96/PESK <sup>(1)</sup> li tistabbilixxi missjoni militari tal-UE biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja.
- (2) Fis-16 ta' Marzu 2015, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/441 <sup>(2)</sup> emendat id-Deċiżjoni 2010/96/PESK u estendiet il-missjoni militari tal-UE sal-31 ta' Diċembru 2016.
- (3) B'segwitu għall-Analiżi Strateġika tal-2016, il-mandat tal-missjoni militari tal-UE għandu jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2018.
- (4) Skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru. 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u l-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Id-Danimarka ma tipparteċipax fl-implementazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk ma tipparteċipax fil-finanzjament ta' din il-missjoni.
- (5) Id-Deċiżjoni 2010/96/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Deċiżjoni 2010/96/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 10, jinżied il-paragrafu li ġej:

"6. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-missjoni militari tal-UE għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2018 għandu jkun ta' EUR 22 948 000. Il-persentaġġ tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 25(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 <sup>(\*)</sup> għandu jkun ta' 0 %.

<sup>(\*)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/528 tas-27 ta' Marzu 2015 li tistabbilixxi mekkaniżmu sabiex jiġi amministrat il-finanzjament tal-ispejjeż komuni tal-operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża (Athena) u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/871/PESK (ĠU L 84, 28.3.2015, p. 39).";

- (2) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-mandat tal-missjoni militari tal-UE għandu jintemm fil-31 ta' Diċembru 2018."

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/96/PESK tal-15 ta' Frar 2010 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja (ĠU L 44, 19.2.2010, p. 16).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/441 tas-16 ta' Marzu 2015 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 37).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

---